Minuti tal-laqgħa numru għaxra (10) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, KLR li nżammet nhar il-15 ta' Jannar 2020, fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, fi 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Alexander k/a Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Deputat Sindku |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Nota: Il-laqgħa ma nżammitx fil-ġurnata miftehma għaliex is-Segretarju Eżekuttiv kien infurmat mis-Sindku illi fit-8 ta' Jannar ma setgħux ikunu preżenti la hu u lanqas il-Viċi Sindku.

Is-Sindku u l-kusillieri preżenti, s-Sur Sandro Craus, is-Sur Ian Vassallo, s-Sur Nazju Cassar, is-Sur Chris Farrugia u Dr Karl Muscat, qalu t-talba tal-bidu flimkien.

10.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba**

Ittri ta' Aploġija

Ma kienx hemm

Sadanittant attendew għal-laqgħa fis-6.15pm is-Sra Doris Coleiro, s-Sur Kris Grech u s-Sur Matthew Chetcuti.

10.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru disgħa (9)

Minuti

Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu ppreżentati fil-laqgħa u mibgħuta mal-agenda minn qabel.
Il-minuti kienu proponuti għall-approvazzjoni mis-Sur Nazju Cassar u ssekondati mis-Sur Ian Vassallo u dawn kienu approvati b'vot unanimu.

10.03 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 20 u Ċedola tal-pagamenti numru 301.

Skedi ta' pagamenti u xogħlijiet

Kienu approvati il-Works Orders Nu 20 u ċ-Ċedola tal-pagamenti Nu 301

10.04 u 10.14 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri u Punti Oħra

Mistoqsijiet u Punti Oħra

Dr Karl Muscat irrimarka illi l-iskart organiku qed jibqa' spiss mhux miġbur minn Vjal Santu Wistin.

Skart imħolli fi Triq Santu Wistin

Is-Sur Ian Vassallo staqsa dwar ix-xogħlijiet ta' tiswija minn *Transport Malta* fi Triq Gorg Borg Olivier. Hu semma' wkoll illi minbarra dawn ix-xogħlijiet hu importanti ħafna illi tinqala' it-triq f'Misraħ San Duminku għaliex kif kien qal fil-laqgħa preċedent, l-livell tat-tarmak tela' sal-bankina. Dan qed iwassal biex l-ilma tax-xita jitla' sal-għatba tal-bieb tar-residenti. Is-SE qal illi hu infurmat illi x-xogħlijiet ta' tiswija fi Triq Gorg Borg Olivier minn TM bdew illum u se

jintemmu nhar il-Ġimgħa billi jiġi mogħti l-aħħar saff tarmak mil-ġdid. Tiswijiet fi Triq GBO

Is-Sur Rudolph Grima wasal għal-laqgħa fis-6.50pm.

Is-Sur Nazju Cassar reġa' semma' l-ħtieġa li jinbidlu l-kurduni tal-bankini fi Triq San Publiju u Triq Sta Marija. Dwar dan is-Sindku saħaq illi rridu noħorġu *period contract* biex nagħmlu xogħol ta' tarmak u bankini pavimentati b'materjali bħal żonqor, porfido ecc. Bankini

Is-Sur Matthew Chetcuti ilmenta minn ħaxix maqtugħ u li ma nġabarx fi Triq Santa Rita u wkoll dwar il-*litter bins* illi qal li ma tbattlux. Ħaxix ħażin u litter bins

Kien rappurtat ukoll ħafna ħaxix ħażin fil-konok tas-siġar mal-*Housing Estate* tan-Nigret u s-Sur Chris Farrugia fakkar fis-siġar taż-żebbuġ neqsin fi Vjal il-Ħaddiem. Dwar tal-aħħar is-SE se jikkomunika ma IM. Is-Sindku ilmenta minn serq ta' siġar li għadhom kemm tħawwlu, bl-aħħar inċident iseħħ fit-triq tal-Buskett. Ħaxix ħazin fis-soft areas u serq ta' sigar

Is-Sur Kris Grech talab li titkompla l-manutenzjoni tat-toroq fil-Landrijiet 'il barra mir-Ristorant Rogantino. Dan ix-xogħol se jitkompla mil-kuntrattur tagħna Elle's Urban Services Ltd. Patching fil-Landrijiet

Dr Karl Muscat semma' l-problema ta' mobilita' tar-residenti madwar l-iskejjel fi Triq Rudolph Saliba u Triq il-Kan G Gatt Said. Hu staqsa jekk il-Pulizija hux se jikkonċedu illi jitpoġġew barikati temporanji biex minn Triq Rudolph Saliba jibqgħu deħlin il-vetturi sa bi dritt Triq il-Katakombi fejn hemm numru ta' garages. Minkejja li l-argument żvolġa għal fejn hemm skejjel oħrajn bħal dik ta' Triq il-Kulleġġ li r-residenti wkoll qiegħdin fl-istess sitwazzjoni, se nikkomunikaw ma TM u l-Pulizija dwar din il-proposta ħalli niddiskutuha magħhom. Immaniġjar tat-traffiku waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-iskola.

Is-Sur Matthew Chetcuti għamel referenza għal-laqgħa li attenda organizaata mir-Repjun Tramuntana fejn qal illi r-Reġjun qed jistenna li ngħaddulu l-proposta fejn jistgħu jitwaħħlu żewġ cctv cameras u għandhom bżonn paġna bid-dettalji dwar l-istorja tar-Rabat. Kien deċiż illi s-cctv's jitwaħħlu fil-Pjazza tal-Baħrija u fi Ġnien Bir Iljun. Saret referenza għas-seminar li nżamm mir-Reġjun Tramuntana dwar il-Kultura. Is-Sur Chetcuti qal ukoll illi r-Reġjun qed jorganizza kors dwar is-saħħa mentali. Għal dan se jattendi is-Sur Chris Farrugia. Is-Sur Chetcuti semma' wkoll il-proposta edukattiva fejn ir-Reġjun qed joffru Eur 30 biex jingħataw f'kotba f'kull prize day bil-patt li l-President jagħmel diskors ta' 2 minuti. Is-Sur Chetcuti semma' wkoll il-laqgħat organizzati mir-Reġjun ma' uffiċjali tan-Nar u tal-Banda nhar il-15, 16 u 17 ta' Mejju. Benefiċċji mir-Raġjun Tramuntana

Is-Sur Ian Vassallo għamel talba biex isiru għall-ewwel darba il-linji tal-parkeġġi fi Triq Patri Tumas Xerri k/m Triq il-Qastan fil-Baħrija. Din ti-talba se tkun referuta lill-TM. Marki tat-traffiku ġodda

Is-Sur Ian Vassallo għamel talba biex issir manutenzjoni fi Triq Tabija fejn hemm il-garages. Dwar dan is-sit aktar 'il quddiem kienet diskussa talba minn xufier biex jingħata kumpens fuq spejjeż minħabba ħsarat li wettaq fil-vettura tiegħu. Triq Tabija

Is-Sur Ian Vassallo għamel talba biex jinbidel il-*bus shelter* bl-isem Żinżel fil-Baħrija għaliex qed ikun allegat illi dan għandu ħsarat fis-saqaf tiegħu. Is-Sindku qal illi jekk jirriżulta illi dan hu minnu tajjeb li ninfurmaw lill-JKA Contractors Bdil ta' saqaf ta' Bus Shelter

biex jirrepetu dak li għamlu ftit taż-żmien ilu fuq il-*bus shelter* ta' Triq Għeriexem.

Xogħlijiet fil-privat li jaffettwaw it-toroq

Is-Sur Ian Vassallo irrefera għal ittra li tqassmet *short notice* fi Triq Santu Wistin illi se tingħalaq it-triq sabiex isiru xogħlijiet ta' tiswija fuq gallerija minn resident. Is-SE qal illi din kienet identika għall-ittra li kienet tqassmet biex sid ħanut li hemm f'tarf Bir ir-Riebu kantuniera ma' Pjazza San Katald jagħmel xi tiswijiet fuq ir-residenza tiegħu. Se nimpenjaw irwieħna biex ittri bħal dawn jitqassmu minn qabel minkejja li minn din it-triq xorta qed jgħaddu vetturi għax ma ingħalqitx għal kollox.

Perit tal-Awtorita' tad-Djar

Is-Sur Chris Farrugia staqsa meta se jmur il-Perit tal-Awtorita' tad-Djar fl-appartamenti ta' Għeriexem. Dan kien ukoll imwiegħed mill-KLR permezz ta' ittra li tqassmet lir-residenti ftit tax-xhur ilu. Is-Sindku qal illi dan diġa' mar biex jagħmel evalwazzjoni ta' x'hemm bżonn isir f'dan il-Housing Estate. Is-Sindku żied jgħid illi qabel l-Awtorita' tad-Djar kienet ittik Eur5,000 biex tirranġa l-parti komuni iżda l-ftehim li sar mal-Perit permezz taċ-Ċermen Leonid Mackay kien illi nagħtuh stima u ninnegozjaw x'tip ta' għajnuna se nagħtu lil dawn ir-residenti.

Miss Rabat

Is-Sur Matthew Chetcuti informa lill-kunsillieri illi kellu laqgħa mal-kontestanta għall-Miss Malta, Miss Rabat, u din talbet illi l-KLR jgħina fi sponsor. Kien deċiż illi din tgħaddielna proposta.

Sports Day

Dr Karl Muscat ressaq proposta biex issir *Sports Day* fir-Rabat. Bħala sit, kien rakkomandat il-bitħa tal-iskola fi Triq il-Kulleġġ. Hawn intqal illi din tista' tkun attivita' idejali biex nibbenefikaw minn fondi li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu ir-Reġjun Tramuntana u nippruvaw ninvolvu l-aktar għaqdiet possibbli bħar-*Rabat Nursery, il-Hockey u l-Iscouts.*

Lampi tad-dwal ġodda

Is-Sur Ian Vassallo ippropona illi jitwaħħlu l-ewwel ħames lampi ġodda li hemm fuq il-lista ta' stennija. Se jsir eżerċizzju biex jitwaħħlu kemm jista' jkun lampi li hemm spejjeż biss biex jitwaħħlu fiz-zona urbana ħalli la jkun hemm bżonn li jinġibdu linji mill-bogħod u lanqas li jitħaffru trinek. (f'ODZ qed iġiegħluna inħaffru it-trinek).

Skip f'Misraħ Suffara

Is-Sur Kris Grech irrapporta illi f'Misraħ Suffara xi vandali ħarqu skip li kien hemm. Din kienet qed tkun abbużata u kien qed ikun hemm ħafna skart madwarha għaliex kienu jiġu jarmu fiha nies mhux mir-Rabat. Kien deċiż illi titpoġġa skip oħra flokha.

Problema tal-Ħamiem Selvaġġ

Is-Sur Kris Grech semma' il-problema tal-ħamiem. Hu qal illi għandna nippruvaw inġibu l-permess mingħand l-awtoritajiet biex neħilsu minnu għaliex dan qed jippreġudika is-saħħa tar-residenti.

Mawra fi Sqallija

Is-Sra Doris Coleiro ipproponiet suġġeriment tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani biex fis-16 ta' Mejju ssir mawra fi Sqallija. Il-KLR approvaha unanimament.

Cat Shelters

Is-Sur Rudolph Grima staqsa dwar il-possibilita' jkun hemm funding għall-bini ta' *cat shelters* fil-ġonna tagħna. Kien hemm proposta biex dawn il-*cat shelters* isiru *f'Howards Garden* kemm-il darba jaqblu dwar dan il-Kunsill Lokali tal-Imdina.

10.05 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-Soft Areas. *Soft Areas u ġonna*
Ara 10.06

10.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-Ġbir ta' Skart bieb bieb. *Ġbir ta' Skart bieb bieb*
Is-SE ressaq ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni tal-offerti dwar il-Ġbir ta' Skart bieb bieb. Hu qal illi ir-rakkomandazzjoni hija li tinħareġ l-offerta mill-ġdid għaliex il-bidders kollha weħlu mil-parti teknika. Il-KLR approva dan biex joħroġ immedjatament filwaqt li kien iddispjaċut għall-feedback tas-SE illi se jkunu mwaqqgħin ukoll it-tenders l-oħra kollha indikati fl-agenda f'punt 10.05; 10.07; 10.08 u 10.09; għall-istess raġuni.

10.07 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-Knis ta' Toroq fir-Rabat. *Knis fir-Rabat*
Ara 10.06

10.08 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-Knis ta' Toroq fil-Baħrija. *Knis fil-Baħrija*
Ara 10.06

10.09 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-Tbattil ta' Reċipjenti tal-Iskart. *Tbattil ta' Reċipjenti tal-Iskart*
Ara 10.06

10.10 Talba għal refużjoni ta' spejjeż fuq vettura wara allegat inċident fi Triq Ġlormu Dingli 27.11.2019 *Inċident tat-Traffiku*
Ir-rapport tal-pulizija li sar għan-nom tas-Sur Mark Ellul li talab kumpens għall-ħsara fuq vettura kien innutat illi sar tlett ijiem tard. Barra minn hekk ir-ritratti juru li dan ġara fi Triq Għeriexem filwaqt li r-rapport tal-Pulizija jsemmi Triq Ġlormu Dingli. Għaldaqstant il-KLR kien unanimu illi ma jħallasx għal dan il-kumpens.

10.11 Tiġdid tal-Kuntrat: Handyman *Handyman*
Dwar l-estenzjoni tal-kuntrat tal-Handyman u tat-tindif tal-uffiċċju, is-Sindku qal illi kif nagħmlu ri-organizzazzjoni ta' kollox, għandna noħorġu dawn l-offerti mill-ġdid iżda għalissa għandna nibqgħu kif aħna. Hu ttamat illi niċċaqilqu minn din is-sede fil-ġimgħat li ġejjin kif jitkompla x-xogħol fuq is-sit li fih se nkunu qed noperaw minnu b'mod temporanju.

10.12 Tiġdid tal-Kuntrat: Tindif tal-Uffiċċju *Tindif tal-uffiċċju*
Ara 10.11

10.13 Rapport dwar l-istat attwali tal-Virtu' minn Chris Farrugia *Rapport dwar tal-Virtu'*
Is-Sindku talab sabiex ikun repetut l-eżerċizzju li wettqu is-Sinjuri Chris Farrugia u Ian Vassallo fuq Tal-Virtu, fil-Baħrija. Jiġifieri biex induru it-tabelli u s-sinjali u jekk hemm bżonn hemmhekk anke il-ħitan tas-sejjiegħ biex ikun proġett ħolisitiku. L-Eżerċizzju li sar f'tal-Virtu kienet impoġġija kopja tiegħu fil-pakkett ta' kull kunsillier u kienet approvata il-bankina li hemm bżonn li ssir mal-kisra ta' Triq l-Ursolini minħabba li hemm urġenza għax din fil-fatt hija skola.

10.15 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss. Tmiem tas-seduta u appuntament iehor

Il-laqgħa spiċċat fis-7.45pm u dik li jmiss se ssir nhar il-5 ta' Frar 2020.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula mis-Sur Anthony Bonello u approvati llum 5.2.2020 mis-Sur Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku